**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 12 ta' Jannar, 2016**

**Citazzjoni Nru: 133/2012 AF**

**Abrehet Beyene Gebremariam f'isimha proprju u ghan-nom tat-tfal minuri taghha Filimon, Alexander u Yonhannes Zelalem Zewde**

**vs**

**Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati, Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Abrehet Beyene Gebremariam f'isimha proprju u għan-nom tat-tfal minuri tagħha Filimon, Alexander u Yonhannes Zelalem Zewde li permezz tiegħu wara li ġie premess:

Illi r-rikorrenti twieldet ġewwa Mai-Aini fl-Eritrea fl-1980 minn missier Eritrejan u omm Etjopjana;

Illi meta kellha tlett snin hija telqet mill-Eritrea flimkien ma' ommha u marret tgħix l-Etjopja. Damet hemm sal-1993, meta

telqet mill-Etjopja u marret tgħix ġewwa Kassala fis-Sudan. Hemmhekk hija żżewġet raġel Etjopjan, Gatahun Zelalem Zewde, fl-1997, u kellha tlett itfal: Filimon, Alexander u Yohannes;

Illi lejn l-aħħar tal-2009 il-familja telqet mis-Sudan u marret tgħix il-Libja, fejn għamlet talba għall-ażil (ara kopja taċ-ċertifkat maħruġ mill-uffiċċju tal-UNHCR ġewwa Tripli, anness u mmarkat Dok ABG1); din it-talba qatt ma ġiet deċiża, għaliex f'Ġunju ta' dik is-sena l-Gvern Libjan għalaq l-uffiċċju tal-UNHCR fi Tripli;

Illi f'Marzu tal-2011, hija telqet mill-Libja flimkien mat-tlett itfal tagħha, minħabba l-kunflitt vjolenti li ħakem lil dak il-pajjiż;

Illi huma waslu Malta b'mod irregulari fit-28 ta' Marzu 2011;

Illi ftit jiem wara li waslu Malta huma għamlu talba għall-ażil, abbażi tal-attivitajiet politiċi ta' żewġha li huwa membru ta' partit politiku tal-Oromo, kif ukoll minħabba l-fatt illi hija ma tistax tmur lura l-Eritrea;

Illi t-talba ġiet miċħuda mill-Kummissarju għar-Rifuġjati fis-7 ta' Mejju 2011, u dan fil-qosor għaliex (ara kopja tad-deċiżjoni annessa u mmarkata Dok ABG2 għal aktar dettal):

(a) ma ġabitx provi suffiċjenti tal-allegata nazzjonalità Eritrejana tagħha;

(b) rigward l-allegazzjoni illi żewġha huwa membru ta' partit politiku Etjopjan, il-Kummissarju huwa tal-opinjoni illi peress illi ma ġabitx provi suffiċjenti tal-allegata nazzjonalità Eritrejana tagħha, kull talba oħra li hija marbuta intrinsikament ma' din l-allegazzjoni ma tistax tiġi kkunsidrata bħala valida;

(c) fil-fehma tal-Kummissarju l-esponenti ma ġarrbitx persekuzzjoni ai termini tal-liġi minħabba dan il-fatt, u in oltre ma hemm ebda evidenza li turi illi tista' tiffaċja risku serju li ġġarrab danni gravi ai termini tal-Att dwar ir-Rifuġjati;

(d) l-evidenza mressqa mir-rikorrenti kienet konfliġġenti.

Għaldaqstant, il-Kummissarju rrakkomanda illi l-applikazzjoni tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda (kopja tal-*Eligibility Recommendation to the Minister for Justice and Home Affairs* annessa u mmarkata Dok ABG3);

Illi hija appellat minn din id-deċiżjoni u talbet li tkun assistita mill-Avukat Roberta Buhagiar;

Illi Dr. Buhagiar ippreparat sottomissjonijiet bil-miktub (kopja annessa u mmarkata Dok ABG4) abbażi tal-informazzjoni kontenuta fid-deċiżjoni tal-Kummissarju għar-Rifuġjati, fit-traskrizzjoni tal-intervista li r-rikorrenti għamlet mal-Uffiċju tal-Kummissarju għar-Rifuġjati (kopja annessa u mmarkata Dok ABG5), u r-rapport dwar l-evalwazzjoni tal-każ li jinsab fil-fajl tar-rikorrenti li qiegħed fl-Uffiċju tal-Kummissarju għar-Rifuġjati, liema rapport ir-rikorrenti m'għandiex kopja tiegħu;

Illi l-appell tar-rikorrenti nomine quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati iffoka u rribatta l-konklużjoni tal-Kummissarju li l-esponenti ma tikkwalifikax għall-protezzjoni sussidjarja;

Illi fit-8 ta' Awissu 2011 il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati ċaħad l-appell tar-rikorrenti (kopja annessa u mmarkata Dok ABG6) u dan peress illi "*Whilst the Board observed that you have no case for refugee status, the same Board concluded that in view of the request made by your legal aid lawyer in the appeal submissions 'for the grant of subsidiary protection', over which it has no jurisdiction and competence, to this effect you are hereby being informed that the Board will not take further cognizance of your appeal.*"

## Raġunijiet li wasslu għat-talba attriċi:

Illi ai termini tal-liġi l-Bord huwa marbut illi jagħti raġunijiet għad-deċiżjonijiet tiegħu. Artikolu 9(2) tar-Regolamenti dwar l-Istandards ta' Proċedura fl-Eżami ta' Applikazzjonijiet għall-Istatus ta' Rifuġjat (Avviż Legali 243.2008, L.S. 420.07) tispeċifika illi:

> *Id-deċiżjoni … għandha tindika bil-miktub ir-raġunijiet fil-fatt u fid-dritt għaċ-ċaħda ta' l-applikazzjoni.*

In oltre l-artikolu 3(h) ta' l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kap 490 tal-Liġijiet ta' Malta) jeżiġi illi:

> *Is-sentenzi għandhom ikunu motivati. Tribunal amministrattiv għandu jagħti, b'mod biżżejjed ċar, il-motivi li fuqhom tkun mibnija d-deċiżjoni. Għalkemm ma jkunx meħtieġ illi t-tribunal jiddisponi minn kull punt imqajjem bħala argument, sottomissjoni li tkun, li kieku din tiġi aċċettata, meħuda deċiżiva għar-riżultat tal-kawża għandu jkollha risposta speċifika u espressa.*

Illi dan il-prinċipju huwa ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, li saħħqu kemm il-darba illi kull tribunal amministrattiv huwa marbut illi jirrispetta l-prinċipji tal-ġustizzja naturali li, "*jikkomprendu, kif saput, iż-żewġ regoli tradizzjonali 'nemo judex in causa proprja' u 'audi alteram partem' … Dan mhux biss però. Fi żmienijiet pjuttost reċenti ġie ulterjorment zviluppat il-prinċipju ta' l-għoti tar-raġunijiet ossija tal-motivazzjoni adegwata fid-deċiżjoni.*"[1]

Illi d-deċiżjoni tal-Bord fil-każ tar-rikorrenti tikkontjeni biss il-konklużjoni tal-Bord illi la għandu l-ġurisdizzjoni u lanqas il-kompetenza li jiddeċiedi dwar talbiet għall-protezzjoni sussidjarja, però ma tagħti ebda raġuni għal din il-konklużjoni;

Illi minbarra l-fatt illi l-Bord naqas mid-dmir illi jagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu, l-esponenti temmen illi d-deċiżjoni tal-Bord li m'għandux kompetenza jew ġurisdizzjoni li jiddeċiedi dwar appelli minn rakkomandazzjonijiet li jittrattaw protezzjoni sussidjarja hija msejsa fuq interpretazzjoni ħażina tal-liġi u dan għas-segwenti raġunijiet:

---

[1] **Joseph Debono vs Phonica Systems Ltd** - 19 ta' Mejju 2004 – Qorti tal-Appelli Ċivili (Inferjuri); ara wkoll **Stephanie Dalli vs Valerie Sollars et** – 21 ta' Ottubru 2009 – Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, **Alfred Sant vs Kummissarju tat-Taxxi Interni** – 4 ta' Marzu 1992 – Qorti tal-Appell Ċivili, **Christopher Falzon vs Noel Gauci** – 12 ta' Ġunju 2009 – Qorti tal-Appell; **Stephen Galea vs Frans Farrugia et**- 30 ta' Marzu 2010 – Prim' Awla tal-Qorti Ċivili; u **Cardona vs Transport Appeals Board** – 18 ta' Ġunju 2010 – Qort tal-Appell.

Illi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Att dwar ir-Rifuġjati (Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta) "*il-Bord ikollu s-setgħa li jisma u jiddeċiedi appelli kontra xi rakkomandazzjoni tal-Kummissarju*", mingħajr ebda distinzjoni;

Illi ai termini tar-regolament 5(1)(a) tal-Proċeduri tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati (Avviż Legali 252 tal-2001 kif sussegwentement emendat mill-Avviż Legali 426 tal-2007, L.S. 420.01) "*appell taħt dawn ir-regolamenti jista' jsir lill-Bord mill-applikant u, jew mill-Ministru fi żmien ġimgħatejn min-notifika li ssir lill-applikant dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju lill-Ministru biex jaċċetta jew ma jaċċettax l-applikazzjoni.*"

Illi huwa minnu illi l-liġi ma tgħidx b'mod espliċitu li, f'każ ta' rakkommandazzjoni negattiva dwar talba għall-protezzjoni sussidjarja, l-applikant għandu l-jedd ta' appell, kif tagħmel f'ċerti każijiet oħra (ara per eżempju: artikolu 9(2); artikolu 10(3); u artikolu (8(3)); iżda bl-istess mod il-liġi ma tispeċifikax illi applikant għandu dritt jappella minn rakkomandazzjoni negattiva dwar l-istatus ta' rifuġjat;

Illi huwa minnu ukoll illi artikolu 17(1) tal-Att dwar ir-Rifuġjati (Kap 420) jagħti poteri wiesgħin ħafna lill-Kummissarju fil-għoti ta' protezzjoni sussidjarja, għaliex donnu jeskludi l-possibilità illi l-Ministru jappella minn rakkomandazzjoni tal-Kummissarju li applikant għandu jingħata protezzjoni sussidjarja, kif ukoll jagħti l-awtorità lill-Kummissarju li jagħmel rakkomandazzjoni li għandha tingħata protezzjoni sussidjarja anke wara li tkun ingħatat deċiżjoni negattiva f'dan is-sens;

Illi jrid jingħad, però illi ebda wieħed minn dawn l-artikoli, fih innifsu ma jeskludi l-possibilità li jsir appell minn tali rakkomandazzjoni jew jillimita l-kompetenza tal-Bord li jiddeċiedi dawn l-appelli;

Illi inoltre, fil-fehma tar-rikorrenti, ma hemm ebda artikolu li espliċitament jeskludi l-possibiltà ta' appell f'każ fejn ikun hemm rakkomandazzjoni negattiva dwar talba għall-protezzjoni sussidjarja, bħal f'każ ta' applikazzjonijiet li jiġu meqjusa bħala manifestament infondati wara l-proċedura aċċellerata ai termini tal-artikolu 23(4) tal-istess Att, jew li speċifikament jeskludi

deċiżjonijiet dwar appelli minn rakkomandazzjonijiet dwar protezzjoni sussidjarja mill-kompetenza u/jew il-ġurisdizzjoni tal-Bord;

Illi għall-kuntrarju, l-artikoli tal-liġi msemmija iktar 'l fuq fil-paragrafi 5 u 6 ta' dan ir-rikors jgħidu b'mod ċar illi l-Bord għandu s-setgħa li jisma' u jiddeċiedi appelli kontra rakkomandazzjonijiet tal-Kummissarju, mingħajr ebda distinzjoni;

Illi fid-dawl ta' dan, l-esponenti ma tistax tifhem kif il-Bord wasal għall-konklużjoni li m'għandu la ġurisdizzjoni u lanqas kompetenza li jiddeċiedi appelli dwar talbiet għall-protezzjoni sussidjarja;

Illi inoltre, mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk għall-grazzja tal-argument il-liġi tiġi interpretata bil-mod li għamel il-Bord tal-Appelli u ċioé li teskludi l-possibiltà ta' appell minn rakkomandazzjoni negattiva dwar protezzjoni sussidjarja, dan, in ogni caso, imur kontra d-**Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar *standards* minimi għall-proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' rifuġjat** li f'artikolu 39(1) timponi fuq Stati Membri l-obbligu li jassiguraw illi "*applicants for asylum have the right to an effective remedy before a court or tribunal, against the following:*

*a) a decision taken on their application for asylum, including a decision:*

*i. to consider an application inadmissible pursuant to Article 25(2),*

*ii. taken at the border or in the transit zones of a Member State as described in Article 35(1),*

iii. *not to conduct an examination pursuant to Article 36."*

Illi skont l-artikolu 2 tal-istess Direttiva applikazzjoni għall-ażil tfisser "*an application made by a third country national or*

*stateless person which can be understood as a request for international protection from a Member State under the Geneva Convention. Any application for international protection is presumed to be an application for asylum, unless the person concerned explicitly requests another kind of protection that can be applied for separately*";

Illi inoltre, skont l-artikolu 2 tad-**Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala rifuġjata jew bħala persuni li inkella jeħtieġu l-protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija**, protezzjoni internazzjonali, "*means the refugee and subsidiary protection status*", kif stabbilit mill-istess Direttiva;

Illi skont is-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Brahim Samba Diouf v. Ministere de l'Emploi**, "*Accordingly, the decisions against which an applicant for asylum must have a remedy under Article 39(1) of Directive 2005/85 are those which entail rejection of the application for asylum for substantive reasons or, as the case may be, for formal or procedural reasons which preclude any decision on the substance.*"

Illi għalhekk huwa ċar illi, ai termini tad-**Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE tal-1 ta' Diċembru dwar *standards* minimi għall-proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' rifuġjat** kull min japplika għall-ażil għandu dritt li jkollu rimedju effettiv biex jappella minn kull deċiżjoni fuq il-mertu tat-talba tiegħu, kemm f'każ li jiġi deċiż li m'għandux jingħata l-istat ta' rifuġjat, kif ukoll fejn jiġi deċiż illi m'għandux jingħata protezzjoni sussidjarja;

Illi għalhekk ir-rikorrenti qed tipprezenta dan ir-rikors biex titlob lil din l-Onorabbli Qorti tistħarreġ il-mod kif il-Bord wasal għal deċiżjoni fil-każ tagħha, kif ukoll biex tistħarreg jekk id-deċiżjoni ttieħdet mill-Bord hijiex konformi mad-dettami tal-liġijiet imsemmija kif ukoll ma' dawk tad-Direttivi tal-Unjoni Ewropeja hawn fuq ċitati;

Illi huwa prinċipju stabbilit mill-ġurisprudenza illi il-Qorti Ċivili tista' tissindika l-operat ta' kwalsijasi tribunal amministrattiv, "*l-ewwel net biex tassigura illi l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jkunu osservati u fit-tieni lok, biex tassigura li ma jkunx hemm xi enunċjazzjoni ħażina jew inkompleta tal-liġi*"[2]

Intalbet din il-Qorti sabiex:

Tiddikjara illi r-rikorrenti pro et noe għandha dritt illi tappella minn deċiżjoni li tiċħad it-talba tagħha għall-protezzjoni sussidjarja, li hija forma ta' protezzjoni internazzjonali u dan skont il-liġijiet hawn fuq imsemmija;

Konsegwentement, tiddikjara li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati fil-każ bin-numru 4070/11, li jittratta appell mid-deċiżjoni tal-Kummissarju għar-Refuġjati dwar it-talba għall-ażil ta' Abrehet Beyene Gebremariam u wliedha l-minuri Filimon, Alexander u Yohanness Zelalem Zewde hija affetta minn interpretazzjoni ħażina tal-liġi;

Tiddikjara, fil-każ li ma tiġix milqugħa t-tieni talba, li l-liġi imsemmija mhix konformi mad-dettami tal-artikolu 39(1) tad-**Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE tal-1 ta' Diċembru dwar *standards* minimi għall-proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' rifuġjat** u għalhekk per konsegwenza d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati fil-każ numru 4070/11 hija bbażata fuq enunċjazzjoni inkompleta tal-liġi;

Tiddikjara ukoll illi fil-każ, il-Bord ta' l-Appell dwar ir-Rifuġjati naqas illi josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali u l-obbligi proċedurali tiegħu fis-smiegħ u d-determinazzjoni tal-każ tagħha, u dan kemm ai termini tal-artikolu 9(2) tar-Regolamenti dwar l-Istandards ta' Proċedura fl-Eżami ta' Applikazzjonijiet għall-Istatus ta' Rifuġjat (Avviż Legali 243.2008, L.S. 420.07) kif ukoll ai termini tal-prinċipji ġenerali stabbiliti mill-ġurisprudenza nostrana;

[2] **Anthony Cassar pro et noe vs Accountant General** – 29 ta' Mejju 1998 – Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Ara ukoll **Dr Anthony Farrugia vs Kummisarju Elettorali** – 18 ta' Ottubru 1996 – Qorti tal-Appell

Konsegwentement, tħassar u tannulla d-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appelli fuq imsemmija;

Konsegwentement, tirremetti l-atti lill-Bord ta' l-Appelli biex jiddeċiedi dwar il-mertu in kwistjoni;

Tagħti kull rimedju li jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi li jiżguraw fil-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati ikun hemm osservanza tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inġunt minn issa in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-tweġiba maħlufa tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati u tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha eċċepew:

Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-improponibbiltà tal-kawża fil-konfront tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati stante li r-rimedju tal-parti li tħossha aggravata mhuwiex li tħarrek lill-awtorità ġudikanti anke jekk il-Bord staturju bħala konvenut iżda illi tintavola kawża in kontradittorju tal-kontroparti;

Illi fit-tieni lok u ukoll in linea preliminari l-azzjoni tal-attriċi hija irrita u nulla u dan a tenur tal-Artikolu 7(9) tal-Att dwar ir-Rifuġjati (Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta) li jistipula b'mod ċar u inekwivoku illi:

> "*Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, iżda mingħajr preġudizzju għall-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, id-deċiżjoni tal-Bord tkun waħda finali u konklużiva u ma tkun tista tiġi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti tal-ġustizzja…*"

Għalhekk in kwantu l-kawża odjerna mhix bażata fuq allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali a tenur tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Artikolu 4 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, imma hija sempliċiment azzjoni li

qegħda tattakka d-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appelli per se, ir-rikors in risposta huwa legalment improponibbli;

Illi subordinament fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost id-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati numru 4070/11 hija ġusta, skont il-liġi u għalhekk timmerita konferma;

Illi inoltre, l-allegazzjonijiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:

Illi dwar l-allegazzjoni li l-Bord ma tax ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 9(2) tar-Regolamenti dwar l-Istandards ta' Proċedura fl-Eżami ta' Applikazzjonijiet għall-Istatus ta' Rifuġjat (Avviż Legali 243 tal-2008) jiġi eċċepit li fl-ewwel lok il-fatt li l-eżitu tal-proċeduri quddiem il-Bord ma kienux tali li jissodisfaw lill-attriċi ma jfissirx li tali deċiżjoni bil-konklużjonijiet tagħha ma kienitx waħda ġusta jew motivata;

Illi inoltre r-Regolamenti msemmija fil-paragrafu preċedenti m'humiex applikabbli f'dan l-istadju għall-każ odjern stante li dan japplika biss għall-ewwel stadju tal-eżami tal-applikazzjoni għal status ta' rifuġjat u ċioe fl-istadju meta l-applikazzjoni tkun għadha quddiem il-Kummissarju għar-Rifuġjati u mhux fl-istadju tal-Appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar ir-Rifuġjati. Tant hu hekk li r-Regolament 9(2) tal-Avviż Legali 243 tal-2008 ċitat mill-attriċi jipprovdi li *"d-deċiżjoni tal-Kummissarju għar-Rifuġjati għandha tinkludi t-tagħrif għall-applikant dwar id-dritt tiegħu li jikkontesta d-deċiżjoni skond ir-regolament 7"*;

Ill ulterjorment jiġi eċċepit li l-istess Bord aderixxa ruħu mal-prinċipji tal-Artikolu 3(h) tal-Kap 490 tal-Liġijiet ta' Malta senjatament għax indika b'mod ċar u inekwivoku x'kienu l-motivazzjonijiet li wasslu għaċ-ċaħda tal-appell u ċioé li l-attriċi ma kellhiex każ għal status ta' rifuġjat u ukoll li t-talba tagħha mqajma fi stadju t'appell biex tingħata protezzjoni sussidjarja ma setgħetx tiġi konsidrata għax il-Bord la għandu ġurisdizzjoni u lanqas kompetenza biex jidħol fil-mertu ta' din it-talba;

Illi dwar l-allegazzjoni li d-deċiżjoni tal-Bord (li m'għandux kompetenza jew ġurisdizzjoni li jiddeċiedi dwar appelli minn rakkomandazzjonijiet li jitrattaw protezzjoni sussidjarja) hija bażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal-liġi, l-esponenti jirribattu li dan mhux il-każ;

Illi effettivament l-Avviż Legali 252/2001 li jitratta l-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati fl-artikolu 2 jirreferi għal "*applikant*" bħala li tfisser "*min japplika għal status ta' rifuġjat skont l-artikolu 8 ta' l-Att*" u "*applikazzjoni*" bħala li tfisser "*applikazzjoni għal status ta' rifuġjat skont l-artikolu 8 ta' l-Att*". Jidher ċar għalhekk li l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja mhux inkluż. Huwa għalhekk li "applikant" u "applikazzjoni" dejjem ingħatat it-tifsira tagħha fir-rigward tal-istatus ta' rifuġjat biss;

Għalhekk fl-ewwel lok jiġi ribadit li l-artikolu 7 tal-Kap 420 li fuqu qed tistrieħ l-attriċi jiġi nterpretat f'dan il-kuntest:

> "*7. (1) Il-Bord ikollu s-setgħa li jisma' u jiddeċiedi appelli kontra xi rakkomandazzjoni tal-Kummissarju.*
>
> *(2) Appelli lill-Bord għandhom isiru fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta ssir in-notifika tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju lill-applikant. Meta jkun l-applikant li jagħmel appell, għandha tiġi notifikata kopja ta' l-appell lill-Ministru u lill-Kummissarju. Meta jkun il-Ministru li jagħmel l-appell għandha tiġi notifikata kopja ta' l-appell lill-applikant u lill-Kummissarju:*
>
> *…….*"

Illi jsegwi għalhekk li la l-artikolu 7 qiegħed jirreferi għal appelli li jistgħu isiru "minn applikant" dan għandu jiġi nterpretat bħala li qed jirreferi biss għal applikanti li jkunu ressqu applikazzjoni għal status ta' rifuġjat u li jkunu jridu jappellaw mir-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju għar-Rifuġjati fir-rigward biss tal-applikazzjoni tagħhom għal status ta' rifuġjat u xejn aktar.

Illi inoltre, it-Taqsima IV tal-Kap 420 kemm fit-titolu u anke fit-Taqsimiet tagħha qegħda tagħmel distinzjoni bejn Status ta' Rifuġjat u Status ta' Protezzjoni Sussidjarja. Tant hu hekk illi filwaqt li fl-artikolu 8(3), 9(2) u 10(3) tal-Kap 420 (Taqsima I – Status ta' Rifuġjat) hemm riferenza speċifika għad-dritt t'appell; fir-rigward ta' Taqsima III – Status ta' Protezzjoni Sussidjarja ma hemm ebda riferenza għal appelli la għal Ministru u lanqas għall-applikant;

Illi isegwi għalhekk li d-deċiżjoni tal-Bord li m'għandux kompetenza jew ġurisdizzjoni biex jiddeċiedi dwar l-appelli minn rakkomandazzjonijiet li jitrattaw protezzjoni sussidjarja hija korretta u skont il-liġi;

Illi finalment lanqas ma hemm ebda ksur tad-Direttivi KE/85/2005 u KE 83/2004 li għalihom saret riferenza mill-attrici u dank if ser jiġi pruvat fil-kors tal-proċeduri odjerni;

Għalhekk it-talbiet kollha attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' riferenzi tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati u tal-Avukat Ġenerali.

Semgħet it-trattazjoni tal-partijiet dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati u l-Avukat Ġenerali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati u l-Avukat Ġenerali.

Ikkunsidrat:

Permezz ta' din il-kawża, l-attriċi f'isimha u f'isem uliedha minuri qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li hija għandha dritt tappella minn deċiżjoni li tiċħad it-talba tagħha għal protezzjoni sussidjarja, konsegwentement tiddikjara li d-deċiżjoni msemmija meħuda fil-konfront tagħha hija affettwata

minn interpretazzjoni ħażina tal-liġi u fin-nuqqas li tintlaqa' t-tieni talba tagħha, tiddikjara li l-liġi msemmija minna mhux konformi mal-artikolu 39(1) tad-**Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE tal-1 ta' Diċembru dwar *standards* minimi għall-proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' rifuġjat**, tiddikjara wkoll illi l-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati naqas milli josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali u l-obbligi proċedurali tiegħu fis-smiegħ u d-determinazzjoni tal-każ tagħha, tħassar u tannulla d-deċiżjoni tal-Bord imsemmija, tirrimetti l-atti lura lill-Bord u tagħti kull rimedju li l-Qorti jidrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi sabiex jiġi żgurat illi l-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati josservaw l-prinċipji ta' ġustizzja naturali.

L-intimati laqgħu għat-talbiet attriċi billi preliminarjament eċċepew illi l-kawża hija improponibbli fil-konfront tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati u li l-azzjoni attriċi hija irrita u nulla a tenur tal-Artikolu 7(9) tal-Att dwar ir-Rifuġjati (Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta).

Dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Sadek Mussa Abdalla vs Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati u l-Avukat Ġenerali**, deċiża fit-22 ta' Ottubru 2013, fil-kuntest ta' proċeduri simili għal dawn odjerni fejn il-Qorti sabet illi l-intimati Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati u l-Avukat Ġenerali kellhom raġun fl-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħhom in kwantu li filwaqt illi l-attur f'dik il-kawża kien qiegħed jattakka d-deċiżjoni tal-Bord intimat, il-Bord innifsu ma jistgħax jiġi mħarrek bħala konvenut.  Il-Qorti rriteniet is-segwenti:

> *'The Board – in its function as a quasi-judicial tribunal – enjoys the same protection accorded to ordinary courts in accounting for the exercise of their judicial functions, unless it can be shown that such tribunal or board has acted in a fraudulent manner[3]. This is not to say that the exercise of those functions is not subject to judicial scrutiny: it means that those tribunals themselves may not*

[3] **Gatt Tarmac Ltd vs Kunsill Lokali ta' Victoria (Għawdex) et,** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis07 ta' Awwissu 2013

*be cited in proceedings. This protection is extended to the persons who sit on such tribunals*[4]*, although in certain cases this immunity is lifted where it transpires that they have acted in breach of the procedures set up at law for that particular tribunal, or where such person has acted in a discriminatory manner or where the actions of such person amount to a breach of the aggrieved party's fundamental rights. The reasoning behind such an immunity lies in guaranteeing the independence they require to exercise their judicial functions, rather than in providing them with a preferential privilege';*

Però kif kompliet tgħid ukoll il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza ċitata, l-fatt illi l-kawża m'hijiex proponibbli fil-konfront tal-Bord intimat ma jfissirx illi ma tistax titkompla fil-konfront tal-intimat l-ieħor l-Avukat Ġenerali, u dan in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili li jipprovdi b'mod ċar f'subartikolu (2) illi '*L-Avukat Generali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern*'.

Din il-Qorti tħoss illi huwa rilevanti wkoll dak li irritenet il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza Kostituzzjonali tagħha, fis-sentenza fl-ismijiet **Abera Woldu Hiwot et vs Profs. Henry Frendo et nomine**, deċiża fil-15 ta' Ottubru 2002 fejn il-Qorti, qalet:

*'Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kawża tal-lum setgħet issir biss kontra l-Avukat Ġenerali f'isem il-Gvern ta' Malta. Id-dmir illi joħloq l-istrutturi meħtieġa sabiex jitħarsu l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem huwa dmir ta' l-istat. Jekk dik l-istruttura mwaqqfa mill-istat tonqos milli twettaq il-ħarsien tal-jeddijiet fondamentali jkun l-istat li jwieġeb għal dak in-nuqqas; it-tribunal innifsu, fl-interess ta' l-indipendenza tiegħu li wkoll*

---

[4] **Mallia noe et vs Debono et** (Kollez. Vol: LXXXI.ii.262), deċiża mill-Qorti tal-Appel fit-13 ta' Frar 1997

*hija kwalità meħtieġa għall-ħarsien tal-jeddijiet fondamentali, ma jistax jissejjaħ biex iwieġeb għall-għemil tiegħu.*

*"Għalhekk kontradittur leġittimu skond id-dispożizzjonijiet ta' l-art. 181B(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huwa l-Avukat Ġenerali f'isem il-Gvern ta' Malta …';*

Għalhekk, din il-Qorti ssib illi in kwantu l-intimati eċċepew illi r-rimedju tar-rikorrenti sabiex tindirizza l-ilment tagħha kien illi tintavola kawża in kontradittorju tal-kontroparti, huma għandhom raġun fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom u r-rikorrenti kellha tipproċedi ġudizzjarjament kontra l-Avukat Ġenerali biss.

Għaldaqstant l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati ser tiġi milqugħa fis-sens illi din l-azzjoni hija improponibbli fil-konfront tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati iżda l-azzjoni għandha titkompla kontra l-intimat l-ieħor, l-Avukat Ġenerali.

Dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari mressqa mill-intimati, din il-Qorti tikkonsidra li artikolu 7(9) tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:

*'Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, iżda mingħajr preġudizzju għall-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, id-deċizjoni tal-Bord tkun waħda finali u konklużiva u ma tkun tista' tiġi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti tal-ġustizzja, ħlief taħt id-disposizzjonijiet tal- artikolu 7A';*

Jirriżulta li l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 7A tal-Att dwar ir-Rifuġjati m'humiex relevanti għal każ illi għandha quddiema l-Qorti llum in kwantu li l-kawża odjerna m'hijiex ibbażata fuq allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali.

Il-Qorti tikkunsidra li kemm il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u kemm il-Qorti tal-Appell kienu kemm-il darba mistiedna sabiex jiddeċidu proprju dwar din l-eċċezzjoni mqajma mill-intimati.

Fil-fatt, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Paul Washimba vs Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati u b'digriet tat-8 ta' Lulju 2008 issejħu fil-kawża l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju għar-Rifuġjati**, il-Qorti rriteniet illi, '*Hu principju ta' dritt, però, li l-ġurisdizzjoni inerenti tal-qrati ta' "judicial review" ma tista' titneħħa minn ebda liġi, għax ma jistax jigi aċċettat li l-leġislatur qatt jista' jippermetti li deċiżjoni tittieħed bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew kontra l-liġi'* (ara wkoll **Saed Salem Saed vs Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' April 2013).

Fis-sentenzi msemmija hawn fuq ssir riferenza wkoll għal dak li jgħid l-awtur Garner fil-ktieb tiegħu *Administrative Law* (paġna 107-108), fejn ingħad illi:

> '*in circumstances where the gravity of the complaint cannot be brought within the terms of one of the ordinary causes of action, the citizen may nevertheless have a remedy in the courts in the following situation: (a) where a statute expressly confers a right of appeal to a named court; or (b) where he can invoke the inherent supervisory jurisdiction of the High Court to review the conduct of persons or bodies purporting to exercise statutory function, to ensure that they remain within the confines of their statutory powers (intra vires) and do not stray beyond the limits of that authority (ultra vires), and also to ensure that duties owed to the public are duly performed'*.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Cassar pro et noe vs Accountant General**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-29 ta' Mejju 1998, intqal hekk:

> '*Għandu jingħad li llum huwa stabbilit, mill-ġurisprudenza tagħna, li l-Qorti Ċivili tista' tissindika l-operat ta kwalsijasi tribunal amministrattiv, l-ewwelnett biex tassigura li l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jkunu osservati u, fit-tieni lok, biex tassigura li ma jkunx hemm xi enunċjazzjoni ħażina jew inkompleta ta l-ipotesi tal-liġi u dana mingħajr ma tipprova b'xi mod tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha*

*ghal dik tal-Bord u dan billi, la darba l-liġi afdat il-funzjoni kważi - ġudizzjarja f'idejn il-Bord, huwa l-Bord u ħadd ieħor għalih li jrid jiddeċiedi'*.

Din il-Qorti ma taqbilx mal-intimati in kwantu li huma eċċepew illi l-azzjoni attriċi hija irrita u nulla peress illi skont huma, din l-azzjoni saret purament sabiex tattakka d-deċiżjoni tal-Bord. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum, l-azzjoni attriċi hija proprju intiża sabiex din il-Qorti tistħarreġ dwar jekk id-deċiżjoni tal-Bord intimat hijiex milquta minn interpretazzjoni ħażina jew inkompleta tal-liġi u sabiex il-Qorti tistħarreġ dwar jekk il-Bord intimat naqasx milli josserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali meta wasal għad-deċiżjoni tiegħu u mhux sabiex tiġi attakkata d-deċiżjoni tal-Bord fil-mertu.

Għaldaqstant u in kwantu li fil-każ in eżami l-ilmenti tar-rikorrenti ma jirrigwardawx il-mertu tal-appell quddiem il-Bord iżda l-proċedura adoperata mill-istess Bord, kif ġie bosta drabi ritenut mill-Qrati tagħna, il-Qrati ordinarji jistgħu jiġu mitluba jissindikaw l-operat tal-Bord.

Kif tajjeb irriteniet il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Teshome Tensea Gebremariam sive Teshome Berhanu Asbu (ID No 0049820A) vs Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati et**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Novembru 2010:

*'Dan ma jfissirx li d-deċizjoni tal-Bord ma tkunx finali, iżda jfisser biss li d-deċizjoni tal-Bord sabiex tingħata għandha dejjem tosserva l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u speċjalment l-iktar prinċipji bażiċi. Dan huwa konsistenti ma' dak li huwa ormai ben stabbilit fis-sentenzi "**Salvina Borg D'Anastasi vs Jane Decesare et noe**" (P.A.F. 3 ta' April 1989 - Vol LXIII - III 753). '**Mario Vella Gatt noe vs Christopher Cassar**' (G.V. 24 ta' Marzu 1997 - Vol LXXXI - III);"**Salon Services Limited vs Elaine Dimech**" (P.A. (TM) 13 ta' Novembru 2003); "**Eden Leisure Group Ltd vs Salvino Borg D"Anastasi**" (A.C. – 27 ta' Gunju 2003); "**Raymond Fenech nomine vs Victor Fiorentino**" (P.A. (GCD) – 26 ta' Novembru 2002); "**Cyberton Limited vs Joseph Felice**" (P.A. (NC) l-1 ta' April 2003); "**S M Cables***

***Limited vs Carmelo Monaco*** *" (P.A. (JRM) 14 ta' Frar 2002); '****Power Projects Limited vs Stephen Agius et*** *" (P.A. (PS) – 16 ta' Gunju 2003); (vide "****Salvina Borg D'Anastasi vs Jane Decesare et noe*** *" (P.A.F. 3 ta' April 1989 - Vol LXIII - III 753). '****Mario Vella Gatt noe vs Christopher Cassar*** *' (G.V. 24 ta' Marzu 1997 - Vol LXXXI - III);*

Għaldaqstant, it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati qiegħda tiġi miċħuda.

Għalhekk, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi, filwaqt illi **tilqa**' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati in kwantu li l-Bord intimat ma kellux jiġi mħarrek f'dawn il-proċeduri u tilliberaħ mill-osservanza tal-ġudizzju, **tiċħad** it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati. Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawża fil-konfront tal-Avukat Ġenerali.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghal gudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG